MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 240/1997/1

**Angelo Attard u b'digriet tal-4 ta' Gunju 1999 qed jizdiedu l-kliem "u Maria Carmela sive Marlene Attard"**

**Vs**

**Anthony Attard u b'digriet tal-4 ta' Gunju 1999 qed jizdiedu l-kliem "u Margerita Attard"**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess atturi s-somma ta' mitejn u tnejn u sittin lira u hamsin centezmu (Lm262.50) rappresentanti arretrati ta' imghax fuq somma ta' LM3500 li l-attur silef lill-konvenut; dan a tenur ta' skrittura privata li kopja taghha qeghda annessa mal-avviz bhala Dok A.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra bonarja tat-18 ta' Dicembru 1996 u bl-imghax legali mill-1 ta'Jannar 1997. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 8 tal-atti) u li biha eccepixxa:-

1. In linea preliminari, in-nullita' tal-avviz, ghax ma giex prezentat minn mart l-attur ukoll u ghax ma gietx citata bhala konvenuta ukoll mart l-eccipjenti, u dana stante li skond l-art. 1322 (2) (3) (f) tal-Kap. 16, is-self ta' flus jew it-tehid ta' flus b'self, huwa att ta' amministrazzjoni straordinarja, u d-dritt li wiehed ifittex jew li jigi imfittex dwar atti ta' amministrazzjoni straordinarja hu vestit fiz-zewg konjugi flimkien.

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, jekk l-ewwel eccezzjoni tigi michuda, mart l-eccipjent ghandha tigi citata fil-kawza. Martu hija Maria Carmela sive Marlene Attard, li toqghod Marton, Triq Halib it-Tajr, Santa Lucia.

3. Salvi eccezzjonijet ohra permissibbli skond il-ligi.

Rat id-digriet taghha moghti fl-4 ta' Gunju 1999 (fol 15 sa fol 17 tal-istess atti) u li bih din il-Qorti ordnat wara talba "ad hoc" tal-istess attur, illi l-avviz in esami jigi korrett billi, fl-atti kollha, wara l-kliem "Angelo Attard" jizdied " u Margerita Attard u wara l-kliem "Anthony Attard jizdiedu l-kliem "u Maria Carmela sive Marlene Attard".

Rat dak verbalizzat a fol 18 ibid fejn jinghad illi l-kawza giet differita ghan-notifika tal-avviz kif korrett skond l-imsemmi digriet.

Rat ir-riferta a fol 27 "a tergo" tal-istess atti u dak verbalizzat a fol 29 ibid.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuta kjamata in kawza Marlene Attard, (a fol 31 ibid) u li biha eccepiet:-

1. Illi preliminarjament jezisti n-nullita' tal-avviz stante li l-mara tal-attur mhix citata fl-avviz kif titlob il-ligi.

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma jezisti l-ebda obbligu u'jew rabta kif pretis fl-avviz.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Attard (fol 42 ibid) u li biha eccepixxa:-

1. In linea preliminari id-dezerzjoni tal-kawza ai termini tal-arti. 963 et seq tal-kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi bejn id-data ta' dan l-avviz li gie originarjament prezentat fit-13 ta' Frar, 1997 li u mbaghad gie sussegwentement korrett b'Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-4 ta' Gunju, 1999 u n-notifika tal-avviz kif hekk korrett lill-eccipjent ghaddew aktar mis-sitt xhur biex jinghalqu l-proceduri bil-miktub kif preskritt mill-ligi.
2. Subordinatament u ukoll in linea preliminari, in-nullita' tal-azzjoni odjerna ghax trattandosi ta' imghax fuq self din suppost li giet ezercitata "ab inizio" flimkien ma' mart l-attur u ukoll kontra mart il-konvenut a tenur tal-art. 1322 (2) tal-Kap. 16 billi il-jedd li wiehed iharrek jew jigi imharrek dwar atti ta' amministrazzjoni straordinarja, imissu lil mizzewgin flimkien u dan ma sarx f'dan il-kaz. Dan ma seta' qatt jigi sanat bil-korrezzjonijiet awtorizzati bid-digrieti tal-4 ta' Gunju, 1999, ghax b'hekk zdiedu partijiet godda fil-kawza b'mod li giet effettwata s-sustanza tat-talba u tal-eccezzjonijiet tal-konvenut.
3. Subordinatament ukoll, il-preskrizzjoni ta' hames snin a tenur tal-art. 2156 (d) tal-Kodici Civili, Kap. 16, billi l-iskrittura ta' self li fuqha hi bazata l-azzjoni tirisali ghal 29 ta' Novembru, 1994.
4. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, in-nullita' tas-self allegat billi dan ma sarx bl-intervent u partecipazzjoni taz-zewg konjugi kemm minn naha tal-attur kif ukoll min-naha tal-konvenut, kif jesigi l-art. 1322 (2) u (3) (f) tal-Kap. 16, stante li tali self kien jikkonstitwixxi att ta' amministrazzjoni

straordinarja li suppost gie ezercitat miz-zewg konjugi flimkien fuq iz-zewg nahat.
5. Illi subordinatament l-ammont mitlub bl-avviz f'kull kaz mhux dovut.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-atturi vis-à-vis l-ewwel eccezzjoni sollevata fit-<u>tieni</u> nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut, kif hawn fuq citata.

Rat dak verbalizzat a fol 52 tal-atti.

<u>Ikkunsdrat</u>

Illi hawnhekk ser tigi decisa l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut fit-tieni nota tal-eccezzjonijiet sottomessa minnu liema eccezzjoni tallega li din il-kawza waqghet deserta skond l-artikoli 963 et seq tal-Kapitolu 12 citat billi bejn id-data tal-presentata tal-avviz li saret fit-13 ta' Frar 1997, liema avviz gie korrett kif hawn fuq premess, u n-notifika tal-avviz kif korrett lill-konvenut li saret fit-18 ta' Frar 2002 (ara fol 41 "a tergo").

Illi dwar dan il-punt jidher mill-atti illi:

a) Din il-Qorti tirritjeni li l-artikoli 963 (1) citat hu intiz sabiex tara li l-ebda citazzjoni jew avviz ma jkun presentat abbusivament u sabiex il-Qorti tkun tista' tagixxi legalment fil-konfront ta' persuna li ma tkunx imxiet bil-ghaqal u ma jkunx ghamel dak rikjest minnu, fil-ligi, fi zmien ragjonevoli. Certament, mill-visjoni tal-atti ma jistax jinghad li l-atturi huma persuni li agixxew abbusivament u minghajr l-ghaqal kif rikjest. Filfatt jidher evidenti li huma ipprovaw jaghmlu kollox sabie xjigu notifikati l-konvenuti bl-avviz kif korrett, fi zmien ragjonevoli. Illi, inoltre, l-konvenut issottometta din l-eccezzjoni wara li gie notifikat lilu l-avviz kif korrett. Hawnhekk issir referenza ghall-artikolu 175 (1) tal-Kapitolu 12 citat fejn jinghad lil-Qorti tista', f'kull waqt tal-kawza <u>qabel is-sentenza</u> tordna, fost affarijiet ohra tibdil fl-iskritturi sew billi fihom jizdied jew jitnehha l-isem ta' wahda mill-partijiet. Dan l-artikolu, certament, jmur kontra dak li qed jallega l-konvenut fl-eccezzjoni in esami billi dan l-artikolu jippermetti dak li

talab l-attur u gie koncess lilu fi kwalunkwe stadju tal-kawza basta qabel is-sentenza u minghajr il-piena ta' deserzjoni.

Illi, ghalhekk, fid-dawl tal-premess, l-eccezzjoni in esami trid tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi, tichad l-ewwel eccezzjoni in ezami sottomessa mill-konvenut fit-tieni nota ta' eccezzjonijiet presentata minnu u tordna l-prosegwement ta' din il-kawza.

Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------